**DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA**
**FLORIANA VLT 2000**
**MALTA**

**DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH INNOVATION AND LIFELONG LEARNING**
**FLORIANA VLT 2000**
**MALTA**

# Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** **2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427** **Indirizz Elettroniku:** **gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt**

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 10 ta' Ottubru 2017

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 111/2017

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat, George Mifsud, Doreen Coleiro u Carlston Grima – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Kors għall-ġenituri u wliedhom bi tħejjija għall-eżami taċ-ĊES 2018 – Malta

---

Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jistieden lill-ġenituri tal-istudenti li se jagħmlu l-eżami tal-Malti taċ-ĊES fl-2018 biex jattendu ma' wliedhom sensiela ta' taħditiet fuq l-istess eżami. Dawn it-taħditiet huma mmirati għal dawk il-ġenituri li jixtiequ jsaħħu l-għarfien tagħhom fit-taqsimiet differenti tal-eżami tal-Malti taċ-ĊES biex b'hekk ikunu jistgħu jgħinu lil uliedhom fit-tħejjija meħtieġa għall-istess eżami.

It-taħditiet se jsiru fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (ħdejn l-iskola tal-mużika Johann Strauss) tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Joe Abela Scolaro, il-Ħamrun, mill-5:30 sas-7.00 ta' filgħaxija fil-jiem li ġejjin:

| **6 ta' Novembru 2017** | **27 ta' Novembru 2017** | **11 ta' Diċembru 2017** | **15 ta' Jannar 2018** | **5 ta' Frar 2018** | **12 ta' Marzu 2018** | **2 ta' April 2018** |
|---|---|---|---|---|---|---|

Waqt it-taħditiet, il-ġenituri u wliedhom ikunu jistgħu jistaqsu mistoqsijiet fuq l-aspetti differenti tal-karti tal-eżami fosthom l-oral, it-taħdit, it-taħriġ il-fehem, il-grammatika, l-ortografija, it-testi letterarji, ir-referenzi għall-kuntest, il-komponimenti u l-bqija.

Dawk kollha li jixtiequ jattendu għal dawn it-taħditiet għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identita`, isem it-tifel jew it-tifla, u l-indirizz postali u elettroniku tagħhom lis-Sa Martina Mizzi, fl-indirizz martina.mizzi.2@ilearn.edu.mt jew fl-indirizz postali, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Joe Abela Scolaro, il-Ħamrun sa mhux aktar tard minn nhar **it-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2017**.

Il-kors huwa bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel sittin li japplikaw. Min jattendi jingħata ċertifikat ta' attendenza. Il-Kapijiet tal-iskejjel huma mitluba jgħaddu din iċ-ċirkolari lill-ġenituri kollha.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**